MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 563/2014

**Mobisle Communications Ltd**
**C 24655**

**Vs**

**Farrugia Marilyn**
**ID 328794M.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Awwissu, 2014 illi 'l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici 's-somma ta' elf u dsatax-il ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,019.97) in konnessjoni ma' 79929542 (AC40233924).

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipate tal-kuntratti.

Illi ‘nterpellata sabiex tghaddi ghal hlas,  il-konvenuta baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta ‘n subizzjoni..

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk in konnessjoni ma’ Ittra ufficjali 802/14 u bl-imghaxijiet legali sa mit-2 ta’ Mejju, 2014, data tal-imsemmija Ittra Ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elf u dsatax-il ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,019.97) bl-imghaxijiet legali sa mit-2 ta’ Mejju, 2014, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk in konnessjoni ma ittra ufficjali 802/14 ikunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------